

Brussell, 28 ta' Novembru 2019  
(OR. en)

14347/19

SOC 761  
EMPL 575  
EDUC 460  
JEUN 136  
ECOFIN 1057

**NOTA**

---

minn:	Il-Kumitat tal-Impjiegi
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Suġġett:	Rieżami tal-EMCO tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ - Messaġġi Ewlenin Approvazzjoni

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-messaġġi ewlenin dwar is-suġġett ta' hawn fuq kif mibgħuta mill-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO).

Il-konklużjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tar-Rieżami tal-EMCO tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ jinsabu fid-dokument 14347/19 ADD 1.

Is-sommarju tar-riżultati tal-implimentazzjoni tal-iskemi ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ jinsabu fid-dokument 14347/19 ADD 2.

Iċ-ċifri rigward il-monitoraġġ tal-iskemi ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ jinsabu fid-dokument 14347/19 ADD 3.

Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill (EPSCO) japprova r-Rieżami tal-EMCO tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ fis-sessjoni tiegħu tal-10 ta' Diċembru 2019.

## **Messaġġi ewlenin dwar il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ**

Meta l-ministri tal-EPSCO qablu dwar ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ fl-2013, il-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) inġhata l-kompitu li jimmonitorja l-implimentazzjoni tagħha.

Fl-2016 kif ukoll fl-2018, il-Kunsill EPSCO approva sett ta' messaġġi ewlenin li l-EMCO kien ipprovda abbażi tal-monitoraġġ tiegħu. Dawn ħadu nota tal-impenn b'saħħtu tal-Istati Membri għall-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ, u l-ħtieġa li dan l-impenn ikompli fit-tul. Huma ssottolinjaw l-importanza ta' sħubiji b'saħħithom fi ħdan l-Istati Membri u r-rwol kruċjali tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES). Messaġġi ewlenin fil-passat enfasizzaw ukoll bidla fl-approċċ f'diversi Stati Membri, b'enfasi akbar fuq it-titjib tal-ħiliet u l-appoġġ għaż-żgħażaġh li jiffaċċjaw diversi żvantaġġi. Is-sensibilizzazzjoni taż-żgħażaġh barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs) ġiet ikkunsidrata bħala sfida ewlenija f'ħafna Stati Membri, għalkemm f'livell inqas għal dawk li żviluppaw inċentivi b'saħħithom biex iż-żgħażaġh jirreġistraw għall-Garanzija għaż-Żgħażaġħ. Barra minn hekk, f'ħafna Stati Membri ġie enfasizzat ukoll in-nuqqas ta' strateġija ġenerali għall-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ.

L-EMCO kompla l-monitoraġġ tiegħu fil-kuntest tas-sorveljanza multilaterali tiegħu, u ffoka b'mod partikolari fuq il-kwalità ta' offerti u programmi ta' traineeships matul ir-rieżami ta' Ottubru 2019. Il-messaġġi ewlenin attwali jserrħu fuq ir-riżultati ta' dak ir-rieżami (li l-konklużjonijiet speċifiċi tiegħu għall-pajjiż huma inklużi fl-anness). Annessi wkoll għal dan id-dokument hemm ir-riżultati għal kull Stat Membru tal-eżerċizzju tal-ġbir tad-data tal-2018, preċeduti minn sommarju tar-riżultati prinċipali fil-livell tal-UE.

## **Konklużjonijiet orizzontali mir-rieżami tal-2019 tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ**

Flimkien mat-titjib tal-prospetti makroekonomiċi, qed titjeb is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol taż-żgħażaġh, li tippermetti lill-Istati Membri jiffukaw aktar fuq l-indirizzar tal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u ż-żgħażaġh vulnerabbli. L-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ tvarja bejn l-Istati Membri iżda wkoll bejn ir-reġjuni fi ħdan l-Istati Membri. L-Istati Membri ħadu azzjoni biex isaħħu l-attivitatiet ta' intervent bikri u ta' sensibilizzazzjoni, biex jintegraw is-servizzi għaż-żgħażaġh wara approċċ ta' punt uniku ta' servizz jew biex jikkoordinaw aħjar is-servizzi u biex jinvolvu lil min iħaddem u biex jistabilixxu sħubiji mal-partijiet ikkonċernati ewlenin kollha, b'mod partikolari lejn l-għoti ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali attraenti u ta' prestazzjoni tajba. Kemm il-miżuri ta' prevenzjoni kif ukoll dawk ta' attivazzjoni huma parti mill-Garanzija għaż-Żgħażaġħ fl-Istati Membri. L-Istati Membri ħadu wkoll miżuri biex itejbu l-kwalità tat-traineeships. Hemm ukoll aktar kooperazzjoni attiva bejn l-impjiegi u s-servizzi soċjali. Is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi tejbju l-għoti ta' servizzi personalizzati u adattawhom aktar għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol.

Ir-rieżami juri li l-miżuri implimentati fil-qafas tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ qed iġibu r-riżultati. L-isfidi fir-rigward tal-iżvilupp ta' strateġiji ta' sensibilizzazzjoni u ta' servizzi personalizzati għan-NEETs għad iridu jiġu indirizzati. Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, iż-żgħażaġh b'inqas kisbiet edukattivi huma fl-oġhla riskju li jispiċċaw qiegħda jew NEET. Għalhekk, ġew iffukati mill-ġdid bosta interventi biex jiġu mmirati speċifikament l-aktar gruppi vulnerabbli, bħaż-żgħażaġh bi ftit jew l-ebda esperjenza ta' xogħol, sfond ta' migrazzjoni jew bi kwistjonijiet ta' saħħa/soċjali li huma friskju għoli li jsiru NEETs fit-tul. Minħabba l-ispeċifitajiet tal-gruppi l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol, tista' tkun meħtieġa fażi ta' tnejnija itwal fil-każijiet l-aktar kumplessi.

L-Istati Membri ħadu passi biex isaħħu l-offerti tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ billi jipprovdu rotot individwalizzati u jiffokaw aktar fuq intervent bikri f'xi każijiet. Saru sforzi biex iż-żgħażaġh jiġu mħeġġa jibdedw jew jirritornaw għall-edukazzjoni jew it-taħriġ, kif ukoll biex jiġu offruti gwida xierqa għall-karrieri u aktar opportunitajiet biex jinvolvu ruħhom f'taġħlim ibbażat fuq ix-xogħol u biex jiksbu esperjenza ta' xogħol. Huma meħtieġa aktar sforzi biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet tal-ħiliet u t-tbassir tal-ħiliet. L-appoġġ għal aktar approċċi preventivi biex jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskola jista' jiġi kkunsidrat fl-iżvilupp futur ta' skemi ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ.

Diversi Stati Membri żviluppaw approċċi promettenti għall-identifikazzjoni u s-**sensibilizzazzjoni għan-NEETs żgħażaġh** permezz tal-użu ta' għodod innovattivi ta' komunikazzjoni u sensibilizzazzjoni (midja soċjali, timijiet mobbli, ħaddiema fit-toroq, medjaturi taż-żgħażaġh) kif ukoll teknoloġiji ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni li jippermettu r-rabta ta' bażijiet ta' data differenti biex jiffaċilitaw l-intraċċar tan-NEETs u biex jimmappjaw il-ħtiġijiet u l-użu tas-servizzi tagħhom. Madankollu, għal ħafna Stati Membri li jinstabu soluzzjonijiet xierqa biex jiġu rrispettati r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data jibqa' ostaklu fl-isforzi tagħhom biex jilhqnu aħjar lin-NEETs u lil persuni minn gruppi vulnerabbli li huma l-aktar fil-bżonn ta' servizzi personalizzati. Minkejja dawn l-isforzi, il-proporzjon tal-popolazzjoni NEET jew ta' ċerti sottogruppi (bħal dawk inattivi jew żgħażaġh li jiffaċċjaw diversi ostakli) milħuqa mill-Garanzija għaż-Żgħażaġħ għadu relattivament baxx f'xi Stati Membri.

**Sħubiji** b'saħħithom mal-partijiet ikkonċernati ewlenin fit-tfassil u t-twettiq tal-iskema kienu parti essenzjali mill-Garanzija għaż-Żgħażaġħ fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi inkarigati mill-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u l-fornituri tas-servizzi, kif ukoll bejn diversi livelli ta' governanza, ġiet imsaħħa iżda f'xi każijiet għad tista' tittejjeb aktar. L-użu ta' twassil ta' servizz integrat jew koordinat, pereżempju fil-forma ta' approċċi ta' punt uniku ta' servizz, żdied, iżda hemm lok għal aktar titjib fil-koordinazzjoni tal-impjiegi, l-edukazzjoni u s-servizzi soċjali biex b'mod partikolari jiġu appoġġati ż-żgħażaġh vulnerabbli.

**Pjanijiet ta' azzjoni individwali** huma pprovduti u huma aġġornati regolarment f'xi Stati Membri. Xi Stati Membri jwettqu wkoll valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet tas-suq tax-xoġhol. Madankollu, għandhom ikomplu l-isforzi biex tittejjeb aktar l-effettività tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi billi jiġu żgurati livelli adegwati ta' persunal u tissaħħaħ il-kapaċità tagħhom li b'mod sistematiku joffru pariri personalizzati u individwalizzati u ppjanar ta' azzjoni skont id-diversi profili tal-persuni li qed ifittxu impjeg.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri qed jindirizzaw il-**kwalità tal-offerti** fil-qafas tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ. Xi pajjiżi jqisu offerti li jwasslu għall-impjieg bħala ta' kwalità tajba; oħrajn qed jagħmlu enfasi akbar fuq l-iżgurar ta' apprendistati u traineeships ta' kwalità tajba, il-prevenzjoni tat-tluq bikri mill-iskola u l-inkoraġġiment ta' edukazzjoni kontinwa. Xi Stati Membri jiddefinixxu offerti ta' impjeg "ta' kwalità tajba" bħala offerti li jdumu mill-inqas sitt xhur.

**Traineeships** huma offruti kemm bħala parti mill-Garanzija għaż-Żgħażaġħ kif ukoll f'qafas akbar ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol. L-oqfsa tat-traineeships madwar l-UE għandhom tendenza li jvarjaw b'mod konsiderevoli u f'għadd ta' każijiet il-konformità mal-prinċipji tal-Qafas ta' Kwalità għat-Traineeships għad trid titjeb.

**Iċ-ċertifikazzjoni ta' programmi ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali (ETV)** ġiet introdotta f'xi Stati Membri sabiex tiġi żgurata l-kwalità tagħhom taħt il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ. Bosta servizzi pubbliċi tal-impjieg qed iwettqu l-evalwazzjonijiet tagħhom stess biex jiżguraw il-kwalità u l-effettività ta' programmi ta' edukazzjoni u taħriġ.

Kwistjoni oħra li tqajmet fir-rieżami tirrigwarda s-**sostenibbiltà** ta' finanzjament għal miżuri u programmi ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ, b'mod partikolari d-dipendenza tagħhom fuq il-Fond Soċjali Ewropew u l-kontinwità tagħhom lil hinn mill-perijodu ta' programmazzjoni attwali. F'għadd ta' każijiet, ikun meħtieġ approċċ aktar strateġiku li jiddependi inqas fuq miżuri u proġetti ad hoc.

Hemm kuxjenza li dejjem qed tikber dwar l-importanza ta' sistema b'saħħitha ta' **monitoraġġ u evalwazzjoni**. Il-pajjiżi jridu jżidu l-isforzi tagħhom biex itejbu l-kapaċità tagħhom li jimmonitorjaw id-destinazzjoni taż-żgħażaġh li jtilqu mill-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u li jsegwu lill-parteċipanti wara li joħorġu mill-Garanzija għaż-Żgħażaġħ sabiex jivvalutaw aħjar l-impatt. Xi Stati Membri qed jistabbilixxu sistemi ta' monitoraġġ li jorbtu data amministrattiva differenti filwaqt li f'pajjiżi oħra għad iridu jiġu indirizzati kwistjonijiet dwar il-protezzjoni tad-data.

L-Istati Membri qed jużaw l-opportunitajiet ipprovduti mit-tagħlim reċiproku fost l-Istati Membri, is-Servizz ta' Sostenn għar-Riforma Strutturali tal-Kummissjoni, u l-istituzzjonijiet internazzjonali (inkluż l-OECD) biex ikollhom fehim aħjar tas-sitwazzjoni tan-NEETs u tal-effettività tal-miżuri.